

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1941**tal-24 ta' Ottubru 2017****li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar skema ta' Ekotikketta tal-UE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 66/2010 jipprovdi gwida ġenerali rigward il-forma tal-logo tal-Ekotikketta tal-UE. Għandha tingħata gwida speċifika f'dokument separat wara li ssir konsultazzjoni mal-korpi kompetenti fl-Istati Membri u mal-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 66/2010,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 66/2010 huwa mibdul bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Ottubru 2017.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ ĠUL 27, 30.1.2010, p. 1.

ANNEX

"ANNEX II

Forma tal-Ekotikketta tal-UE

L-Ekotikketta tal-UE għandu jkollha l-forma li ġejja:

Tikketta:



Tikketta fakultattiva b'kaxxa għall-kitba (il-possibbiltà li l-operatur juża din il-kaxxa għall-kitba u t-test użat għandha tkun dik speċifikata fil-kriterji rilevanti għall-grupp ta' prodotti):



Fuq il-prodott għandu jidher ukoll in-numru ta' reġistrazzjoni tal-Ekotikketta tal-UE. Dan għandu jkun fil-forma li ġejja:



Fejn 'xxxx' tirreferi għall-pajjiż ta' reġistrazzjoni, 'yyy' tirreferi għall-grupp ta' prodotti u 'zzzzz' tirreferi għan-numru mogħti mill-korp kompetenti.

Il-Kummissjoni Ewropea se tippovdi aktar struzzjonijiet dwar id-disinn u l-użu l-Logo tal-Ekotikketta tal-UE wara li tikkonsulta lill-Bord tal-Ekotikkettar tal-Unjoni Ewropea (EUEB) f'dokument ta' gwida separat."